VALLETTA
Città Umilissima

KUNSILL LOKALI VALLETTA VALLETTA LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**Is-Sebgħa Kunsill - SEDUTA Nru. 22**

It-Tlieta 2 ta' Diċembru, 2014, fis-7.30pm

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu, 31 Triq Nofsinhar,

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli ppresida.

**PREZENTI**

Kienu prezenti Prof Alexiei Dingli, Dr Normal Shaw, Christian Darren Micallef, , Il-Kunsillier Raymond Attard, Vincent Farrugia Lauri u Vincent Fabri. L-Ex -Ambaxxatur Jurgen Briffa kien preżenti. Raymond Azzopardi kien skuzat minħabba li kien xogħol.

**TALBA**

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli qal it-talba.

Il-minuti tas-Seduta Nru 21 li saret nhar It-Tlieta 4 ta' Novembru 2014, fis-7.30pm kienu ikkonfermati.

Ms Jane Mifsud attendiet il-laqgħa tal-Kunsill biex tesprimi dizappunt tagħha minħabba l-iscaffodling li ntrama mal-faċċata tal-ġar tagħha w ingħata permess mill-kunsill. Hi qed tallega li minħabba l-iscaffolding naqsilha l-bejgħ. Kemm Ms Mifsud u tifel tagħha Douglas Mifsud akkużaw lis-segretarju ezekkuttiv minħabba dan il-kas. Is-Segretarju ezekkuttiv spjegat il-periklu li kienu qed jgħixu fih ir-residenti ta' din id-dar. Sur Mifud akkuza lis-Segretarju Ezekuttiv li hi ħarget dan il-permess minħabba li hu ħabib tagħha. Sur Mifsud kellu jirtira dan id-diskors peress li ma kienx xieraq fil-konfront tas-Segretarju Ezekuttiv.

## 1. ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

1.1 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li l-bins l-ġodda ser jigu ordnati u kull kunsillier għandu jara l-postijiet fejn hemm bzonn aktar biex inżidu il-bins.

1.2 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li l-artist franċiż li għamel diversi tpingijiet ma' letterboxes tal-Maltapost u postijiet prominenti ser jerga jżur Malta fil-bidu ta 2015.

1.3 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li qed ikun hemm green wardens u pulizija quddiem Mc Donalds li taw ċitazzjonijiet.

## 2. KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

2.1 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li Press Conference ta' l-Attivita ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena ser issir nhar 10 ta' Diċembru 2014.

2.2 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li d-Direttur Artistiku ġdid ta St James huwa Toni Sant u organizza laqa mieghu flimkien mal-Kunsillier Vince Fabri.

2.3 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli preżenta bye law dwar consumption ta alcohol kif ukoll ittra biex tintbgħat lil ħwienet biex ningħataw informazzjoni dwar l-kollettur ta' l-iskart. Kien hemm qbil dwar dan.

2.4 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li talab rapport ta' ċitazzjonijiet qed jingħataw minħabba lmenti li qed ikun hemm mir-residenti.

2.5 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli propona biex jingħata rikonxximent lil Amber li rebħet l-Eurovision.

2.6 Is-Sindku fakkar fuq sejħiet għall-offerti li se joħorgu - Railings ta' Peacock, il-Website u l-Expression of Interest.

3. **KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERI**

3.1 Il-Viċi Sindku Christian Darren Micallef rega tkellem dwar il-kas ta' Melita street u nforma li rega ltaqa ma dan ir-resident. Il-Viċi Sindku nforma li għandha ssir bollard fejn hemm motorcylce bay minħabba li persuni qed jabbuzaw u jipparkjaw karozzi minflokk.

3.2 Il-Viċi Sindku Christian Darren nforma li wara li attenda laqgħa tar-regjun Xlokk. Nforma lill-kunsill dwar dak li gie diskuss kif ukoll dwar possibilita' li jkun hemm WIFI points ma' dawl ġdid li ser jiġi nstallat.

3.3 Il-Viċi Sindku Christian Darren staqsa dwar il-bollards li hemm quddiem il-knisja ta San Pawl. Il-Kunsill qabel li biex inkomplu nwaqqfu l-abbuz, l-katina li kien hemm qabel hemm bzonn li s-Sagristan jerga jibda jagħmilha.

3.4 Il-Viċi Sindku Christian Darren nforma dwar 2 culverts mizduda fi Triq San Pawl.

3.5 Il-Minority Leader Dr Norman Shaw staqsa dwar CVA. Il-Kunsill qabel li għandha tingħata *deadline* sa l-aħħar tas-sena biex titieħed azzjoni.

3.6 Il-Minority Leader Dr Norman Shaw nforma dwar parking bay li hemm quddiem Mediterranean Bank. Il-Kunsill qabel li dan il-parking bay għandu jitneħħa.

4. **KOMMUNIKAZZJONI TA' L-AMBAXXATUR**

NIL

5. **KORRISPONDENZA**

5.1 Korrispondenza min għand Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex jinfurmaw lill-Kunsill li nħareg il-permess tal-Lands għall-imwejjed u siġġijiet ta' D'Office, Tico Tico, Cafe Ranieri u Loop Bar.

5.2 Korrispondenza min għand Malta Philarmonic Orchestra biex ngħinu lil Orchesta tqassam mill-kunsill fuljeti ta' informazzjoni dwar l-attivitajiet li tkun qed torganizza.

5.3 Korrispondenza min għand Supretendent tal-Pulizija biex jigu organizzati laqgħat mar-residenti u l-komunita kummercjali.

5.4 Korripsondenza min għand ir-rettur Prof Juanito Camilleri biex jitneħħa l-parking min quddiem il-bieb ta' l-universita' l-antika. L-Kunsill qabel li għandu jitneħħa pero jitnaqqas ftit l-yellow line li hemm in-naħħa ta' St. Christopher street.

5.5 Korripsondenza min għand TCTC biex isiru courses parti mill-Community Training Projects. Il-Kunsill qabel dwar dan.

**TMIEM**

Fl-20.30hrs intemmet is-Seduta w giet aggornata għat-Tlieta 13 ta' Jannar 2015 fit -19:30hrs.

Gabriella Agius
Segretarja Eżekuttiva

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku